MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 1181/2008/1

**Joseph Schembri u Sharon Schembri**

**v.**

**Saviour sive Sammy Attard u Bridget Attard**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-atturi fis-26 ta' Novembru 2008 li jaqra hekk:

"1. Illi sussegwentement ghal talba maghmula mill-intimat Attard, l-esponenti kien avvanza ammont ta' flus lill-istess Sammy Attard sabiex dan iservi bhala

finanzjament ghall-gestjoni tan-negozju tal-istess Sammy Attard, liema negozju jinvolvi bejgh u xiri ta’ zwiemel;

“2. Illi l-ftehim bejn il-partijiet relattivament ghal tali self u finanzjament kien fis-sens illi l-intimat Attard ihallas lura l-ammont lilu misluf fuq medda ta’ zmien filwaqt illi jhallas ukoll parti mill-profitti li huwa kien jaghmel minn kull partita ta’ zwiemel li l-istess intimat kien jimporta gewwa Malta;

“3. Illi separatament ghal tali arrangjament, ir-rikorrenti kien inkariga lill-intimat accettanti, li jimporta ghalih gewwa Malta ziemel Taljan ghall-iskop dikjarat li tali ziemel jiggarreggja f’kompetizzjoni ufficcjali. Irrizulta pero’ illi dan iz-ziemel migjub mill-intimat ma kellux il-karti tal-importazzjoni regolari u ghalhekk dan il-fatt kien sejjer jivvjeta effettivament ir-rikorrenti milli b’dan iz-ziemel jiehu sehem f’tali kompetizzjonijiet ufficjali;

“4. Illi dan il-fatt supervenjenti, qajjem nuqqas ta’ qbil serju bejn il-partijiet, li wassal liz-zewg partijiet f’punt illi dawn qablu illi jitterminaw kull relazzjoni ta’ bejniethom;

“5. Illi f’dan il-kuntest, ir-rikorrent ghal habta ta’ Marzu 2008 talab lill-intimat jirrifondilu lura l-ammont ta’ self lilu mghoddi u li jhallsu kull ammont dovut u pagabbli lilu relattivament ghal ftehim originali ta’ bejniethom. L-intimat kien accetta tali talba u talab illi huwa jibda jhallas lura l-ammonti minnu dovuti mal-wasla ta’ numru ta’ zwiemel li huwa kien sejjer jimporta f’Malta;

“6. Illi f’dan il-kuntest, fit-8 ta’ Marzu 2008, l-intimat irrifonda lura parti mis-somma lilu avanzata mir-rikorrenti u hallas l-ammont ta’ disat elef hames mija u hamsa u erbghin euro (Euro 9,545.00) fi flus kontanti mghoddija lill-konsulent legali tar-rikorrent, li accettahom ghan-nom ta’ l-istess rikorrent. Fl-istess okkazzjoni ta’ dan il-hlas, gie registrat l-ammont li kien qieghed jigi mhallas u gie wkoll registrat l-ammont li l-intimat kien ghad fadallu jhallas bhala bilanc lir-rikorrenti;

“7. Illi fl-istess mument baqa’ car bejn il-partijiet illi sakemm jithallas tali bilanc, f’kaz illi l-intimat jibqa’

ghaddej bin-negozju fuq imsemmi, allura l-ammont dovut lir-rikorrenti kellu jizdied proporzjonalment;

“8. Illi l-esponent baqa’ ghaddej bin-negozju tieghu ta’ importazzjoni u bejgh ta’ zwiemel minghajr ma hallas lir-rikorrenti il-bilanc minnu espressament accettat li kellu jithallas;

“9. Illi ghal dak li jirrigwarda l-problema li naqla’ dwar iz-ziemel li gie mportat mill-Italja kif fuq imsemmi, l-intimat kien talab l-intervent tal-konsulent legali tar-rikorrenti sabiex tinstab soluzzjoni. Din il-pendenza mbaghad giet rizolta ghall-bidu ta’ April 2008 kif jidher fl-anness Dokument F;

“10. Illi l-ammont dovut mill-intimati huwa dak indikat fl-iskrittura privata datata 8 ta’ Marzu 2008 (li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dokument A) piu’ l-ammonti sussegwenti li gew ukoll rikonoxxuti f’dokumenti ohra, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
“11. Illi ghalkemm interpellat sabiex jhallas l-imsemmi ammont baqa’ inadempjenti;

“12. Illi t-transazzjonijiet kollha maghmula mill-partijiet jirrientraw fl-ambitu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnhom u bejn il-konsorti taghhom;

“Talbu in vista tal-fuq premess li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

“1. Tikkundanna lill-intimati li jhallsu lir-rikorrenti l-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf tlett mija u erbatax il-euro u tmienja u hamsin centezmu (Euro 21314.58);

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-atti tal-mandati kawtelatorji 984/08, 917/08, 967/08, 914/08 u 915/08 u interessi legali kalkolabbli mit-8 ta’ Lulju 2008, data tal-Kambjala hawn ezebita bhala Dok. D sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni;”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha huma eccepew illi:

“1. Illi preliminarjament jigi eccepit illi r-rikors guramentat promutur huwa null u dana stante li ma jissodisfax l-vot tal-Ligi kif stipulat fl-artikolu 156 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghandhu jinghad illi mill-premessi tar-rikors promutur ma hemmx tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba unika li ressqu ir-rikorrenti Schembri. Anqas hija identifikabbli r-raguni tat-talba unika imressqa mir-rikorrenti Schembri.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, izda ukoll preliminarjament, r-rikors guramentat promutur huwa null u dana stante li d-diversi premessi imressqa mir-rikorrenti bhala prejambolu tat-talba taghhom huma konfliggenti u jeliminaw lil xulxin.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, izda ukoll preliminarjament r-rikors guramentat promutur huwa null u dana stante li talbiet li kellhom isiru ma sarux u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tghaddi sabiex tilqa t-talba unika tar-rikorrenti minghajr ma tiddeciedi dwar il-mertu, ossija, r-raguni tat-talba.

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu t-talba tar-rikorrenti hija diretta kontra Bridget Attard u l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-intimati Attard dawn ghandhom jigu respinti u dana stante li Bridget Attard ma ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Schembri u wisq anqas ikuntrattat xi dejn jew ghamlet xi negozju mal-imsemmija rikorrenti Schembri. Illi Bridget Attard wisq anqas ikkonsentit ghall-assunzjoni ta’ dejn u / jew iffirmat xi skritturi u / jew kambjali in konnessjoni ma’ xi debitu allegatament pagabbli lir-rikorrenti Schembri. Illi l-esponenti Bridget Attard wisq anqas awtorizzat lil Saviour sive Sammy Attard jakkolla f’isimha xi dejn u / jew jimpenja l-komunjoni tal-akkwisti b’dejn;

“5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu t-talba tar-rikorrenti hija imsejsa fuq allegazzjoni li dana kien finanzjament ta’ negozju u li l-ftehim raggunt bejn il-partijiet kien li l-intimati Attard kellhom ihallsu lir-rikorrenti Schembri parti mill-profitti ta’ dana n-negozju ta’ bejgh u

xiri ta' zwiemel, dina hija essenzjalment allegazzjoni li bejn il-kontendenti kien hemm socjeta (partnership) ai termini tal-artikolu 1644 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala tali ghandha tigi regolata skond l-istess dispozizzjonijiet, inkluz dawk li jirregolaw ix-xoljiment tal-istess. Kif hekk imsejsa t-talba tar-rikorrenti hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kif imressqa l-kawza odjerna hija ghal kollox irritwali u bi ksur tal-artikoli appena citati;

"6. Illi kif hekk imsejsa fuq allegazzjoni li bejn il-kontendenti kien hemm socjeta (partnership) r-rikorrenti huma obbligati ukoll li jikkontribwixxu ghal kull telf li ghamlet tali socjeta u dwar liema l-intimati qed jirriservaw kull dritt ta' azzjoni fil-konfront tar-rikorrenti;

"7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu t-talba tar-rikorrenti hija imsejsa fuq allegazzjoni li l-ammont pretiz kien self '*brevi manu'* maghmul mir-rikorrenti lill-intimati t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi meqjusa fid-dawl tal-artikoli 987 et seq u tal-artikoli 1842 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif hekk imsejsa t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta stante li l-pretensjoni tar-rikorrenti hija imsejsa fuq obbligazzjoni illecita, cioe l-uzura, u inoltre hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

"8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba tar-rikorrenti Schembri hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-intimati Attard ma ghandhom jaghtu xejn lir-rikorrenti Schembri u dana kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza;

"9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu t-talba tar-rikorrenti hija imsejsa fuq allegazzjoni li hemm xi ammont dovut in konnessjoni ma' xiri ta' ziemel Taljan, dina t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda pendenza jew disputa dwar dana l-bejgh / xiri;

"10. Salv kull eccezzjoni ulterjuri permessa mil-Ligi;"

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuti;
Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 2010, li in forza taghha laqghet l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuti u ddikjarat ir-rikors guramentat null; bl-ispejjez kontra l-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-Artikolu 156 (1) tal-Kap. 12 jghid hekk :

""(1) Ir-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih -

"(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba tieghu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;

"(b) ir-raguni tat-talba;

"(c) it-talba jew it-talbiet li ghandhom ikunu enumerati; u

"(d) f'kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:

"""Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieggu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skond il-ligi.

"Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza."

"Ikkunsidrat :

"Illi l-ewwel premessa tar-rikors guramentat hija fis-sens illi l-intimat Attard talab lir-rikorrent sabiex javvanzalu ammont ta' flus sabiex iservi bhala finanzjament ghall-gestjoni ta' negozju ta' l-istess intimat, liema negozju jinvolvi bejgh u xiri ta' zwiemel.

"Illi t-tieni premessa hija illi l-ftehim bejn il-partijiet relattivament ghal tali self u finanzjament kien fis-sens illi l-intimat Attard ihallas lura l-ammont lilu misluf fuq medda ta' zmien filwaqt illi jhallas ukoll parti mill-profitti li huwa kien jaghmel minn kull partita ta' zwiemel li l-istess intimat kien jimporta gewwa Malta;

"Illi t-tielet premessa hija illi separatament ghal tali arrangjament, ir-rikorrenti kien inkariga lill-intimat li jimporta ghalih f'Malta ziemel mill-Italja ghall-iskop dikjarat li tali ziemel jiggarreggja f'kompetizzjoni ufficcjali. Irrizulta illi dan iz-ziemel migjub mill-intimat ma kellux il-karti tal-importazzjoni regolari u ghalhekk dan il-fatt kien sejjer jivvjeta kompletament ir-rikorrenti milli b'dan iz-ziemel jiehu sehem f'tali kompetizzjonijiet ufficjali;

"Illi il-hames premessa hija fis-sens illi f'dan il-kuntest ir-rikorrent talab lill-intimat jirrifondilu lura l-ammont ta' self lilu mghoddi u jhallsu kull ammont dovut u pagabbli lilu relattivament ghal ftehim originali ta' bejniethom, u dan gara ghall-habta ta' Marzu 2008.

"Ikkunsidrat :

"Illi ghalhekk jirrizulta fil-premessi illi jissemma avvanz ta' flus lill-konvenut mill-attur sabiex iservi ghall-finanzjament ta' gestjoni ta' negozju, liema negozju kien jinvolvi importazzjoni u bejgh ta' zwiemel. L-atturi isemmu wkoll illi l-konvenut kellu jhallas l-ammont lilu misluf u jhallas ukoll parti mill-profitti li kien jaghmel minn kull partita taz-zwiemel.

"Ikkunsidrat :

"Illi hawnhekk si tratta mhux biss ta' self izda wkoll ta' ftehim li ghamlu l-partijiet fejn il-konvenut allegament

intrabat illi jhallas wkoll parti mill-profitti li kien qieghed jaghmel minn dan in-negozju lill-attur.

“Illi separatament minn tali arrangement, l-attur jghid illi kien inkariga wkoll lill-konvenut sabiex jimportalu z-ziemel mill-Italja, izda ghal xi raguni l-konvenut gab ziemel mill-Italja illi ma kellux il-karti ta’ l-importazzjoni regolari u ghalhekk iz-ziemel ma setghax jiehu sehem f’kompetizzjonijiet ufficjali.

“Illi hawn hekk non si tratta biss ta’ self ta’ flus bejn il-partijiet izda si tratta ukoll ta’ ftehim illi allegatament dahlu fih il-partijiet, illi kien jinvolvi negozju ta’ importazzjoni ta’ zwiemel f’Malta u il-bejgh taghhom u il-konvenut kellu jhallas parti mill-profitti li kien qieghed jaghmel minn dan in-negozju lill-attur.

“Illi inoltre, kif diga’ intqal, sar ftehim iehor bejn il-partijiet fejn il-konvenut kellu jimporta ziemel mill-Italja ghall-attur. Inqala hafna dizgwid bejn il-partijiet u l-attur talab lill-konvenut jirrifondilu lura l-ammont ta’ self lilu mghoddi u jhallsu wkoll kull ammont dovut u pagabbli lilu relattivament ghall-ftehim originali ta’ bejniethom u hawn hekk hawn accenn ukoll ghall-parti mill-profitti illi l-konvenut kellu jghaddi lill-attur, tant hu hekk illi s-seba’ premessa hija fis-sens illi sa kemm il-konvenut kellu jhallas il-bilanc lill-attur, jekk il-konvenut kien jibqa ghaddej bin-negozju, l-ammont dovut lill-attur kellu jizdied proporzjonalment, u dan iffisser illi ghalhekk il-konvenut kellu jibqa jhallas parti mill-profitti lill-atturi, u t-tmien premessa tghid illi l-konvenut baqa’ ghaddej bin-negozju ta’ importazzjoni u bejgh ta’ zwiemel minghajr ma hallas lill-attur il-bilanc minnu espressament accettat li kellu jhallas.

“Illi l-ghaxar premessa tirreferi ghall-ftehim milhuq bejn il-partijiet fuq iskrittura privata li giet sussegwentement redatta mill-istess partijiet u finalment l-atturi jaghmlu talba wahda fejn talbu illi l-konvenuti jigu ikkundannati jhallsuhom l-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf tlett mija u erbatax il-euro u tmienja u hamsin centezmu (€ 21314.58) bl-ispejjez u bl-interessi legali kalkolabbli mit-8 ta’ Lulju,

2008, data tal-Kambjala esebita bhala Dok. D u ghalhekk jirrizulta car illi l-kambjala ma tissemma fl-ebda hin u fl-ebda mument fil-premessi tar-rikors guramentat, izda tissemma biss fl-ahhar bhala d-data minn meta ghandhom jibdew jiddekkorru l-interessi legali.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti rat illi minkejja illi jezistu dawn il-premessi kollha hemm biss talba wahda fir-rikors guramentat, u ma jirrizulta bl-ebda mod car fuq liema kawzala hija abbinata din it-talba, jekk hux ghas-self, jekk hux ghall-ftehim illi sar bejn il-partijiet, fejn mhux biss il-konvenuti kellhom iroddu lura s-self, izda kellhom wkoll iroddu lura parti mill-profitti illi kienu qeghdin jaghmlu fin-negozju taghhom, jew jekk hux ghax-xiri illi sar mill-Italja ta’ ziemel ghall-atturi; liema ziemel kellu jiehu sehem f’kompetizzjonijiet ufficjali, izda irrizulta illi z-ziemel illi xtara l-konvenut ma kellux il-karti tal-importazzjoni regolari u ghalhekk ma setghax jiehu sehem f’dawn il-kompetizzjonijiet jew jekk hux ghall-kambjala.

“Illi, kif diga intqal, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija marbuta wkoll mat-tieni eccezzjoni taghhom fis-sens illi ir-rikors guramentat promutur huwa null stante illi d-diversi premessi imressqa mir-rikorrenti bhala prejambolu tat-talba tagghom huma konfliggenti u jeliminaw lil xulxin.

“Ikkunsidrat :

“Illi kif diga gie spjegat aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, jissemma xi negozju jew shubija bejn il-partijiet, fil-premessi jissemma self ta’ flus, jissemma negozju dwar importazzjoni ta’ ziemel sabiex jiehu sehem f’kompetizzjonijiet internazzjonali u tissemma wkoll kambjala.

“Illi t-tielet eccezzjoni preliminari hija illi r-rikors guramentat huwa null stante li t-talbiet li kellhom isiru ma sarux u ghalhekk il-Qorti ma tistax tghaddi biex tilqa t-talba unika tar-rikorrenti minghajr ma tiddeciedi dwar il-meritu ossia ir-raguni tat-talba.

“Ikkunsidrat :

“Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Schembri et vs Anthony Poulton et tal-20 ta’ Marzu 2003 fejn il-Qorti qalet hekk :

““Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li c-citazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma’ dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta’ li tkun tista’ tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta’ min iħarrikha : “*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta’ konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*”;

“Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri. Normalment, b’dan wieħed jifhem li dak li kellu f’moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed ‘il quddiem fil-kawża.”

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti rat ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta’ Gunju, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Borg et vs Joseph Bianco fejn il-Qorti qalet hekk :

““Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar jekk l-azzjoni kif intavolata setghetx tigi b’xi mod salvata. Indubbjament hawn si tratta ta’ kaz fejn l-att tac-citazzjoni kien nieqes mill-kjarezza in kwantu ma giex felicement redatt. Dan mhux biss ghaliex it-talba principali jekk tigi moghtija l-interpretazzjoni effettivament moghtija mill-ewwel Qorti tirrizulta - u dan gustament -ghall-kollox superfluwu u inutili konsiderati l-fatti maghrufa lill-kontendenti fir-rigward tal-ghoti tar-rendikont materjalment korrett, imma wkoll ghaliex l-att tac-citazzjoni kif impostat ma kien jaghti

lanqas l-icken hjiel fit-talbiet kif redatti, li l-Qorti kienet tigi mitluba tiddikjara l-operat tal-konvenut bhala wiehed illegali u abbuzuv u wisq anqas hemm it-talba ghall-kundanna tieghu biex jirriversa fl-assi ereditarju, suggett ghall-uzufrutt, dak illi l-atturi jallegaw illi appropria ghall-interess personali tieghu.

“L-atturi appellanti jissottomettu illi kellu jidher mic-citazzjoni illi dak li kien qed jigi minnhom allegat u t-talba sostantiva taghhom kienet dik kontenuta fit-tielet talba u cioe’ li l-istess konvenut, fil-kwalita’ tieghu ta’ amministratur tal-massa ereditarja, kellu jigi kkundannat ihallas l-ammont rizultanti ekwivalenti ghal nuqqas fl-imghaxijiet li gew minnhom sofferti b’konsegwenza ta’ din il-malamministrazzjoni. Huma jsostnu illi l-premessi tac-citazzjoni kellhom juru bic-car ukoll illi dan illi kienu qed jippretendu u cioe’ li l-uzufrutt dovut lilhom naqas sewwa bil-fatt li l-konvenut uza flus appartanenti lill-eredita’ biex ihallas taxxa tas-successjoni li sostanzjalment kienet dovuta minnu personalment, kellu jwassal biex tigi milqugha din it-tielet talba indipendentement mill-ewwel zewg talbiet.

“Din il-Qorti tissimpatizza mad-diffikulta’ procedurali li sabu ruhhom fiha l-appellanti in kwantu ftit ghandha dubbju illi kull min kien involut fit-trattazzjoni tal-kawza kien pjenament konxju minn dak illi xtaqu jaslu ghalih meta pprezentaw l-att tac-citazzjoni. Tifhem pero’ li l-ostakolu procedurali anke jekk wiehed formali ma kienx ta’ facili spedizione proprju ghaliex kull Qorti kellha targina l-konsiderazzjoni taghha fit-termini tat-talbiet lilha sottomessi u kif dawn kienu jorbtu mal-premessi ghalihom. Inoltre kellu jkun pacifiku illi certi sitwazzjonijiet kienu necessarjament jirrikjedu biex jigu gudizzjarjament rizolti talba cara u preciza biex jigu definiti d-drittijiet u l-obbligi tal-kontendenti u konsegwentement il-kundanna tal-konvenut fit-termini ta’ dik id-definizzjoni. Il-konvenut ma setax u ma kellux jigi rrinfaccjat b’talbiet gudizzjarji vagi u indeterminati li jimportaw kundanna li ghaliha hu ma jkunx f’posizzjoni jopponi difiza adegwata minhabba nuqqas ta’ kjarezza fl-att tac-citazzjoni.

"Hu proprju f'dan li din il-Qorti tirraviza gustifikazzjoni, legalment korretta, fil-konsiderandi li waslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha. Jaccenaw li hemm irregolaritajiet ohra minghajr ma jispecifikaw. Gustament allura l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment illi l-azzjoni ma kellhiex tkun dik proposta

"Hu car illi li kieku l-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni kienu proprju dawk li kellhom fic-cirkustanzi jigru diretti lejn il-konvenut, il-ligi difenzjonali tieghu kienet mhux biss tkun differenti minn dik formali moghtija f'din l-azzjoni imma tkun indirizzata fis-sostanza biex tinnewtralizza l-addebiti ta' malamministrazzjoni li dwarhom tkun qed tintalab il-kundanna tieghu. Eccezzjonijiet ta' din ix-xorta l-konvenut difficilment seta' kien f'posizzjoni li jintavola f'din l-azzjoni konsidrat il-mod kif gew formulati d-domandi attrici."

"Ikkunsidrat :

"Illi f'din il-kawza il-Qorti tal-Appell kienet ghaddiet sabiex tiddikjara ic-citazzjoni nulla.

"Illi f'sentenza ohra ta' din il-Qorti fl-ismijiet Manuel Schembri vs France Cutajar tat-30 ta' Jannar, 2001 il-Qorti qalet :

""Illi certament li huwa principju stabilit illi it-tifsir car u sewwa tal-oggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kap 12 ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn *"xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni""*.

"Illi l-Qorti rat illi fil-kaz odjern huwa proprju dak illi gara u dana peress illi matul it-trattazzjoni l-avukat difensur tal-konvenuti issottometta illi t-talba tieghu hija ibbazata fuq il-kambjala u dana meta il-kambjala ma tissemma imkien fil-premessi tar-rikors guramentat, izda tissemma biss id-data tal-kambjala bhala d-data illi minnha ghandhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet legali.

“Illi l-Qorti rat ukoll il-kawza fl-ismijiet Emma Scicluna vs Mary Xuereb et deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-22 ta’ Mejju 1967 il-Qorti qalet hekk :

““Biex citazzjoni jista jinghad li ghandha kawzali cara u bizzejjed, jehtieg rapport ragonevoli bejn il-premessi u t-talba innifisha immirata lejn persuna mharrka. Jekk in-nuqqas ta’ kjarezza jkun f’ghamla u kwalita tali li jcahhad b’mod serju lill-konvenut mid-difiza tieghu, ic-Citazzjoni ghandha tigi imwaqqa.”
“Illi l-Qorti rat ukoll sentenza ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Frar 2005 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Camilleri vs Citadel Insurance plc et fejn il-Qorti qalet: “illi huwa minnu illi f’dawn l-ahhar snin il-Qrati kienu inqas propensi li jiddikjaraw nulli citazzjoni a bazi ta’ xi nuqqas fil-format jew kontenut taghha. Biss dan ma jfissirx lanqas li wiehed ghandu jaghlaq ghajnejh ghal kollox u jhalli kollox ghaddej, ghaliex il-Procedura ghandha tigi segwita u mhijiex qeghda hemm ghalxejn (Ara PA G.V. Gozo Developments vs Perit R. Cassar 31.5.2004). Din il-Qorti mhix lesta li tkun rigidament formalistika izda ma tistax tinjora r-regoli procedurali.”

“Illi l-Qorti tara illi fil-kawza odjerna hemm nuqqas kbir ta’ kjarezza fil-premessi fir-rikors guramentat b’mod tali illi kien ser ikun difficli ferm ghall-konvenuti, jekk mhux addirittura impossibbli, sabiex jaqbdu linja difenzjonali.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“... ... thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ April 2010 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u filwaqt illi tichad l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti appellati, tirrimetti l-Atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti, sabiex tisma u tiddeciedi l-kawza fil-mertu, skont il-Ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.”

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti

joghgobha tichad l-appell tal-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors promotur ta' din il-kawza gie dikjarat null mill-ewwel Qorti ghax fil-fehema taghha l-istess rikors ma jfissirx b'mod car u sewwa x'inhi l-bazi tal-azzjoni, fih talbiet konfliggenti u ma sarux it-talbiet li kellhom isiru.

L-atturi appellaw mis-sentenza u jissottomettu li ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet ma tirrizulta, u l-kawza kellha tiehu l-kors normali taghha.

Fuq il-kjarezza tat-talbiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Moore v. Falzon**, deciza fil-15 ta' Dicembru 1995 osservat li:

*"U ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista tkun anke ridotta mid-domanda. [Kollez. Vol. XXXIV.I.501, Vol. XXIX.I.143 u Vol. XXXII.I.228]"*

Hekk ukoll din il-Qorti, fil-kawza **Bonnici v. Zammit** deciza fl-20 ta' Jannar 1986, spjegat hekk il-principju li jemani mill-Artikolu 156(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom jkunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte tal-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Art. 155(1) [illum 156(1) tal-Kap. 12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx*

*defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata."*

Studju approffondit tal-materja sar mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **K.B. Real Estate Ltd v. Silvio Felice Limited**, deciza fit-13 ta' Marzu 2003, fejn gie osservat a propozitu:

*"Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[1];*

*"Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi żmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-propożizzjoni tal-azzjoni [2];*

*"Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[3]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[4];*

1 Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)
2 P.A.: **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
3 App. Ċiv.: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
4 App. Ċiv.: **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

*"Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha*[5]*;*

*"Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha*[6] *u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur*[7]*;*

*"Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq*[8]*, il-Qorti qalet li "hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut";*

*"Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri* [9]*. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża*[10]*, u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa ad validitatem biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni*[11]*, għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha*[12]*. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun*

[5] P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[6] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[7] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[8] Ara nota 9 hawn fuq
[9] App. Ċiv.: **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[10] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Beżżina vs Anthony Galea***
[11] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet *Żahra* ***vs Żahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[12] App. Ċiv. **23.4.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)

*tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[13];"*

F'dan il-kaz, din il-Qorti tara' li r-rikors promotur huwa redatt ftit konfuzjonali, pero` hu car bizejjed li wiehed jista' verament jifhem x'inhi n-natura tal-azzjoni, tant li l-konvenuti, apparti eccezzjonijiet preliminari, ressqu eccezzjonijiet fil-meritu li wrew li fehemu x'kienu qed jitolbu l-atturi. Fil-qosor, l-atturi qed jghidu illi silfu somma flus lill-konvenuti, li kellhom iservu bhala finazjament ghan-negozju marbuta ma' zwiemel li riedu joperaw il-konvenuti, bil-patt li l-flus jithallsu lura fuq medda ta' zmien, u li l-atturi jithallsu wkoll parti mill-profitti li l-konvenuti jaghmlu minn kull partita ta' zwiemel li jimpurtaw. Ma gie allegat ebda patt iehor bejn il-partijiet lanqas li giet mahluqa xi socjeta`, ankorke informali, bejniethom; ma giex maqbul li l-atturi kellhom jippartecipaw fin-negozju tal-konvenuti izda biss li jiehdu parti mill-profitti. Kulma qed jigi allegat huwa kuntratt ta' self b'pattijiet ghall-hlas lura u hlas ta' parti minn profitti. Gie allegat ukoll li l-konvenuti kellhom jimpurtaw ziemel Taljan ghall-atturi, izda l-atturi qed jghidu li din l-importazzjoni ma saritx regolari, b'mod li l-attur ma jkunx jista' juza' z-ziemel f'kompetizzjonijiet ufficjali. Dan il-fatt mhux marbut mal-kaz, izda ntqal biex juri x'wassal biex ir-relazzjoni bejn il-partijiet hzienet, u l-atturi talbu li jithallsu dak dovut lilhom. Qed jigi allegat ukoll illi f'Marzu tal-2008, il-konvenuti hallsu lura s-somma ta' disat elef, hames mija, hamsa u erbghin Euro (€9,545) u saret kitba fejn gie registrat il-bilanc ta' sbatax-il elf, erba' mija, sebgha u sittin Euro (€17,467) li kien ghadu dovut lill-atturi. Sar qbil ukoll, dejjem skont l-atturi, li sakem isir il-hlas tal-bilanc, l-atturi jibqghu jigu kkreditati b'parti mill-profitti li l-konvenuti jaghmlu minn kull partita ta' zwiemel, kif kien miftiehem originarjament. L-atturi, b'din il-kawza, qed jitolbu hlas tal-ammont bilancjali kif indikat fl-iskrittura ta' Marzu 2008, piu` l-ammonti sussegwenti li gew ukoll rikonoxxuti f'dokumenti ohra ghal total ta' wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u erbatax-il Euro u tmienja u hamsin centezmi (€21,314.58).

---

[13] P.A. : **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

Ovvjament, l-atturi jridu jippruvaw dak minnhom allegat bhala l-bazi tal-azzjoni taghhom, pero` l-azzjoni, ghal dak li hu l-iskop taghha, hija wahda cara u ma hemm ebda kontradizzjonijiet fiha. Bazikament hi talba ghal hlas bazata fuq kawzali ta’ self u percentagg mill-qliegh tan-negozju tal-konvenuti min-negozju taz-zwiemel li jigu impurtati. Id-dettalji jridu jispjegawhom u jippruvawhom l-atturi, pero` wiehed ma jistax jghid li r-rikors huwa nieqes minn dawk ir-rekwiziti mehtiega ghall-validita` tieghu. Il-kawzali tista’ tinftiehem, u f’kull kaz, jekk fil-fehema tal-Qorti hemm xi kawzali partikolari li, forsi, ma tkunx cara bizejjed, ir-rimedju hu li titlob lill-atturi jiccaraw dik il-kawzali, izda mhux li l-att kollu jigi dikjarat null.

Il-pozizzjoni tal-partijiet jidher li giet kristalizzata bil-kitba tat-8 ta’ Marzu 2008 fejn il-konvenut irrikonoxxa ruhu debitur lejn l-attur, u stqarr li fadal bilanc ta’ sbatax-il elf, erba’ mija sebgha u sittin Euro (€17,467). Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw il-validita` ta’ dik l-iskrittura. Dik l-iskrittura ghandha titqies bhala “l-i*starting point*” tal-kawza, b’dan li trid tigi ezaminata fid-dawl tal-allegazzjoni tal-konvenuti li fiha hemm element ta’ uzura, materja li trid tigi mistharga fil-mertu.

Kif intqal diversi drabi, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni, issa rikors guramentat, tista’ tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annulat. Inoltre il-qrati komplew jaffermaw li f’dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista’ jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta’ kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa’ l-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista’ jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta’ citazzjoni ghandu jigi mwaqqa’ u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` tal-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali (ara per ezempju l-kawza **Vella v. Cefai**, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta’

Novembru 1991 u **Attard v. Galea**, deciza wkoll minn din il-Qorti fit-12 ta' Mejju 1998).

Is-sottomissjoni li l-premessi fir-rikors promotur huma nieqsa minn taghrif mehtieg ma tistax titqies bhala wahda minnha: tali sottomissjoni jidher li ma taghrafx id-distinzjoni bejn il-premessa u l-prova. M'huwiex mistenni li attur ifisser il-provi fil-premessi, imma huwa mehtieg li, matul is-smigh tal-kawza, jipprova dak li ppremetta u jsejjes it-talbiet tieghu skont ma jkun hekk ipprova. Li titlob xi haga ohra minn attur fir-rikors tieghu jkun ifisser li titlob aktar minn dak li trid il-ligi nnifisha f'dak l-istadju. Ir-rikors ghandu jservi bhala d-definizzjoni tal-vertenza u mhux il-prova definittiva tieghu.

Lanqas ma tara li r-rikors huwa nieqes minn xi talbiet li, skont il-konvenuti, kellhom isiru. Hu principju assodat li l-Qorti, fl-ghoti tas-sentenza, tista' taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet u taghti dawk id-decizjonijiet li jwasslu ghat-talbiet dedoti, u dan anke jekk mhux mitluba specifikament. Dawk id-decizjonijiet li huma implicitament marbuta mal-kaz u mehtiega b'mod preliminari ghal fini tat-talba, jistghu jinghataw mill-Qorti bhala implicitament necessarji ghal konkluzjoni li trid tasal ghaliha. Kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Testaferrata Abela v. Azzopardi**, deciza fit-12 ta' Lulju 2007, *"Jista' allura jigri li kawzali, anke jekk mhux indikata, din f'certi kazi tkun hekk insita u involuta fid-domanda li ma hemmx bzonn li tigi espressa apparti"*. Id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-atturi jaslu ghad-domanda taghhom m'hemmx bzonn li jsiru fir-rikors promotur taht forma ta' domandi ghax hu implicitu illi l-Qorti tista' taghti kull dikjarazzjoni mehtiega (ara f'dan is-sens **Sgueglia v. Meilaq**, deciza mill-Qorti t'Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri fit-2 ta' Ottubru 2008).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' April 2010, tichad l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuti u tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kaz.

L-ispejjez relatati mad-decizjoni fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuti, anke dawk in prim istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------